**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Gunju, 2017

Rikors Guramentat numru : 218/13 AL

A B

vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi meta iltaqgha mal-intimata hija kellha relazzjoni ma' haddiehor u wara ftit zmien ma semghax b'ahbarha pero kienet qaltli li hija tqila pero ma kienetx taf min hu missier t-tarbija;

2. Illi sussegwentement l-intimata regghet lura Malta u infurmatu li t-tarbija S B D li twieldet fis-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) kienet tieghu;

3. Illi l-intimat kienet irregistrat lil minuri fuq kunjom il-boyfriend li kellha u ghalhekk it-tifla kienet iggib l-isem S T D u meta ggieldet mieghu gewwa l-Ingilterra nehhiet it-tifla minn fuq ismu u ghamlitha father unknown.

4. Illi huwa kellu jaghmel proceduri bil-Qorti biex l-minuri tigi registrata fuq ismu u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid tal-minuri Dok A;

5. Mic-certifikat tat-twelid l-attur sar jaf li l-minuri twieldet f'Malta;

6. Illi l-minuri llum ghandha hames (5) snin u ilha tghix mal-attur missierha mindu l-attur gie dikjarat li huwa missierha u dan mindu l-minuri kellha sentejn;

7. Illi l-kura u kustodja tal-minuri hija kongunta pero r-residenza hija mal-missier stante li l-intimata tbaghti mill-kondizzjoni bi-polar u ma ghandhiex indirizz fiss fejn tghix u ghadha sal-lum tbiddel l-indirizzi fejn toqghod bl-ahhar wiehed ikun xxxxx, wiehed u sebghin xxxxxxxxxxxxx jew f'xi boathouse ghalkemm fuq l-karta tal-identita hija registrata li tirrisjedi numru xxxxxxxxx.

8. Illi l-konvenuta ma tikkontribwixxi xejn ghal htigijiet tal-minuri minkejja li tghid li ghandha mezzi;

9. Illi l-attur jixtieq li huwa jkollu l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri stante li l-intimata ma hiex kapaci tiehu hsieb l-minuri kif ser jirrizulta f'dawn l-proceduri;

10. Illli minkejja tentattivi sabiex jintlahaq ftehim anki permez tal-process ta' medjazzjoni baqa ma ntlahaq l-ebda ftehim u ghalhekk kellha tinghalaq il-medjazzjoni u l-esponenti gie awtorizzat jipprocedi bil-kawza. (dok B – digriet ).

Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri S f'idejn il-Missier, l-attur, b'access ghall-konvenuta fil-hinijiet u l-granet li tiffissa din l-Onorabbli Qorti u taht il-kundizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa fl-ahjar interess tal-minuri.

**2.** Tordna li l-minuri ghandha tigbor lil minuri mir-residenza tal-missier u tirritornaha fl-istess residenza waqt il-hinijiet tal-access.

**3.** Tordna lill-intimata li meta jkollha lil minuri hija ghandha tghina fil-homework specjalment meta jkollha l-access matul il-gimgha;

4. Tordna lill-konvenuta thallas manteniment xieraq ghall-minuri S skond kif iffisata mill-istess Onorabbli Qorti sakemm l-minuri jkollha tlieta u ghoxrin (23) sena u tibqa tistudja full-time u jekk ma tibqghax tistudja full-time tali manteniment ikun sakemm l-minuri ssir maggorenni liema manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja;

5. tiddikjara li l-minuri ma ghandhiex titlaq minn dawn il-Gzejjer minghajr l-kunsens taz-zewg partijiet u f'kaz li l-intimat titlaq minn dawn il-Gzejjer;

6. Kemm-il darba din l-Qorti tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun kongunta bejn l-partijiet u l-intimata ma tkunx tista tigi rintralcjata, (tenut kont li l-intimata ghandha passaport tas-South Africa), tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdatha esklussivament f'idejn l-attur li jkollu dritt li jiehu wahdu decizjonijiet dwar l-minuri;

7. tiddikjara li r-residenza u d-domicilju tal-minuri ghandha tkun Malta;

8. tordna lill-intimata thallas ukoll nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri.

9. Tordna lill-intimata sabiex tinforma lill-attur kull darba li tbiddel ir-residenza taghha anke temporanjament.

10. Tordna lill-intimata sabiex ma traqqadx lil minuri f'ebda boathouse meta jispiccaw l-vaganzi tas-Sajf u waqt il-vaganzi tiehu dawk l-provvedimenti sabiex lil minuri ma taghtihiex skandlu tenut kont li anke l-intimata torqod mal-boyfriend taghha fl-istess boathouse, u zzommha fi stat igeniku tajjeb;

11. Tiehu dawk il-proccediment kollha l-ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa sabiex jithares l-ahjar interess tal-minuri S.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha eccepiet: (fol 33)

1. Illi huwa minnhu illi l-minuri S B D kienet irregistrata bhala l-wild naturali ta' Thibaut T meta twieldet, pero sussegwentement irrizulta illi kienet il-wild naturali tal-attur A B, u ghaldaqstant saru l-emendi necessarji fl-Att ta' Twelid tal-minuri, kif ben eccepixxa l-attur fir-rikors promotur tieghu;

2. Illi jinghad illi l-minuri, S B D, ghamlet sena (1) u sitt (6) xhur tirrisjedi ma' ommha, r-rikorrenti fl-Afrika t'Isfel u l-Ingilterra. Sussegwentement, l-esponenti giet Malta min jgheddha sabiex il-minuri setghet issir taf lill-missierha, l-attur;

3. Illi a kuntrarju ta' dak li inghad mill-attur, kienet l-esponenti stess illi intavolat proceduri l-Qorti sabiex il-minuri tigi rikonoxxuta bhala l-wild naturali tal-attur A B;

4. Illi ghalkemm huwa minnhu illi l-minuri prezentement tirrisjedi ma' missieraha, l-attur, a kuntrarju ta' dak li inghad minnhu, l-minuri ilha tirrisjedi mieghu sa mill-hmistax (15) ta' Dicembru elfejn u hdax (2011) u dan ghaliex l-esponenti hasset illi ma kinietx f'qaghda idonea sabiex tiehu hsieb lill-bintha fil-mumenti difficli li kienet ghadejja minnhu dak iz-zmien;

5. Illi f'dan iz-zmien, sforz ta' problemi ta' sahha u problemi familjarji fosthom fejn hija tilfet lil huha t-tewmi tragikament fi Frar elfejn u hdax (2011), u omm l-esponenti bdiet tbati minn kancer tas-sider fl-istess sena, l-esponenti kienet kostretta thalli lill-minuri fil-kura ta' missierha, l-attur sakemm fittxet l-ghajnuna professjonali necessarja;

6. Sussegwentement, f'Dicembru elfejn u tnax (2012), hija nfurmat lill-attur illi xtaqet tiehu lill-minuri tirrisjedi lura maghha, pero bi qbil mal-attur, hasset illi kien ikun fl-ahjar interess tal-minuri li jistennew is-sena skolastika tghaddi qabel ma l-minuri tmur lura tghix ma ommha, l-esponenti;

7. Illi ftit qabel ma spiccat is-sena skolastika, l-attur kien mar lura minn kelmtu u kien ipprezenta rikors sabiex il-kura u l-kustodja tal-minuri S tigi fdata f'idejh bl-intendiment illi l-minuri tkompli tirrisjedi mieghu;

8. Illi a kuntrarju ta' dak illi inghad mill-attur, il-kundizzjoni tal-esponenti tinsab taht kontroll ghaliex hija ma titraskurax is-sahha taghha u dejjem fittxet l-ghajnuna professjonali ghal kundizzjoni taghhha. Jinghad ukoll illi l-esponenti ilha li stabbiliet ruhha f'Malta u ilha ghal diversi xhur tghix fl-indirizz indikat mill-intimat, u cioe f'numru wiehed u

sebghin (71), ‘Bluemed’, Triq Sir Luigi Prezziosi, San Pawl il-Bahar.

9. Illi a kuntrarju ta’ dan li inghad mill-attur, l-esponenti tiehu hsieb tal-htigijiet ta’ minuri meta din tkun fil-kura taghha u tixtrilha dak kollhu li jkun hemm bzonn ghaliex hija omm bil-ghaqal u ma thalli lill-minuri nieqsa minn xejn;

10. Illi l-esponenti taf b’dawn il-fatti personalment.

Talab ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tichad l-ewwel talba attrici;

2. Tichad it-tieni talba attrici;

3. Tilqa` t-tielet talba attrici;

4. Tichad ir-raba talba attrici;

5. Tilqa` l-hames talba attrici, b’dan illi l-ebda parti ma ghandha ccahhad lill-parti l-ohra minn tali kunsens minghajr raguni valida;

6. Tichad is-sitt talba stante illi l-esponenti m’ghandha l-ebda intenzjoni tallontana ruhha minn Malta minghajr bintha hlief ghal perjodi zghar, jekk u meta jkun hemm il-bzonn, specjalment tenut kont illi ghandha lil missierha f’xifer il-mewt f’pajjiz barrani, u l-attur qieghed jaghmililha dejjem aktar difficli ssiefer bit-tifla minuri;

7. Tilqa` s-seba’ talba attrici;

8. Tilqa` t-tminn talba attrici, limitatament fejn dawn ikunu spejjez straordinarji ta’ sahha u edukazzjoni;

9. Tilqa` d-disa' talba attrici;

10. Tichad l-ghaxar talba attrici stante illi tikkontjeni allegazzjonijiet infondati u invertieri;

Salv risposti ulterjuri .

Bl-ispejjez kontra l-attur li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta, li permezz taghha ikkonfermat:

1. Illi hemm digriet li akkorda kura u kustodja *pendente lite* lill-partijiet konguntivament filwaqt illi ordna illi l-minuri *pendente lite* tirrisjedi mal-missier, l-attur rikonvenzjonat b'access favur l-omm, l-esponenti;

2. Illi jinghad illi l-minuri, S B D, ghamlet sena (1) u sitt (6) xhur tirrisjedi ma' ommha, r-rikorrenti fl-Afrika t'Isfel u l-Ingilterra. Sussegwentement, ir-rikorrenti giet Malta sabiex il-minuri setghet issir taf lill-missierha, l-attur wara illi minn proceduri legali illi inbdew mir-rikorrenti irrizulta illi l-attur rikonvenzjonat huwa l-missier bijologiku tal-minuri;

3. Illi kien hemm zmien, fejn l-esponenti, sforz ta' problemi ta' sahha u problemi familjarji fosthom fejn tilfet lill-huha t-tewmi tragikament fi Frar elfejn u hdax (2011) u omm l-esponenti bdiet issofri minn kancer tas-sider fl-istess sena, hija kienet kostretta thalli lill-minuri fil-kura ta' missierha, l-attur rikonvenzjonat, u fil-fatt, l-minuri marret tirrisjedi mal-attur rikonvenzjonat fil-hmistax (15) ta' Dicembru elfejn u hdax (2011);

4. Illi sussegwentement, f’Dicembru elfejn u tnax (2012), wara li kienet fittxet l-ghajnuna professjonali necessarja, l-esponenti nfurmat lill-attur illi xtaqet tiehu lill-minuri tirrisjedi lura maghha;

5. Illi minn dak iz-zmien, l-esponenti qieghda tghix hajja serena u normali u tiehu hsieb is-sahha mentali taghha b’appuntamenti regolari mal-psikjatri taghha;

6. Illi l-fatt illi kien hemm zmien qasir fejn l-esponenti ma kinietx f’qaghda idonea biex tiehu hsieb lill-bintha ma jfissirx illi m’hijiex kapaci tiehu hsieb u trabbi lil bintha. A kuntrarju, l-fatt illi hija fittxet l-ghajnuna professjonali meta hasset li kellha bzonnha, kif ukoll l-ghajnuna tal-attur rikonvenzjonat ghal gid ta’ bintha minuri juri livell kbir ta’ responsabbilta` mill-esponenti fil-konfront tal-ahjar interessi ta’ bintha minuri;

7. Illi f’Dicembru elfejn u tnax (2012), meta l-esponenti uriet ix-xewqa illi bintha tmur tirrisjedi lura maghha, kien hemm ftehim mal-attur rikonvenzjonat illi kienu ser ihallu s-sena skolastika tghaddi qabel ma l-esponenti tiehu lill-minuri lura tirrisjedi maghhha biex jigi evitat taqlib fir-rutina tal-minuri;

8. Illi minn dak iz-zmien, l-attur rikonvenzjonat fetah diversi proceduri legali b’mod vessattorju fil-konfront tal-esponenti, inluz r-rikors promutur ghaliex jinsisti illi huwa hu biss illi ghandu l-kura u l-kustodja tal-minuri;

9. Illi prezentement, l-partijiet ghandhom kura u kustodja kongunta tal-minuri filwaqt illi l-minuri tghix primarjament mal-attur rikonvenzjonat fuq decizjoni *pendente lite* illi ttiehdet minn din l-Onorabbli Qorti diversament ppreseduta, filwaqt illi l-esponenti ghandha access ghall-

minuri kull nhar ta’ Gimgha mis-sitta ta’ filghaxija (18:00) sal-Hadd fl-erbgha ta’ wara nofsinhar (16:00) u gurnata ohra fost il-gimgha. Filwaqt illi l-attur rikonvenzjonat huwa l-genitur illi mieghu suppost tirrisjedi l-minuri fuq bazi full-time, fil-fatt hija ommu illi tiehu hsieb l-minuri ghaliex l-attur rikonvenzjonat jqatta` l-maggor parti tal-hin tieghu x-xoghol;

10. Illi l-attur rikonvenzjonat jahdem ir-Residenza tal-Universita kuljum mit-tmienja ta` filghodu (08:00) sas-sitta ta’ filghaxija (18:00), u ghaldaqstant l-esponenti ghandha ferm izjed hin x’tiddedika lill-minuri ghaliex hija tahdem mid-dar taghha stess u ma hemmx il-htiega illi thalli l-minuri ma terzi persuni biex tkun tmur ghax-xoghol, bhal ma jigri kuljum fil-kaz tal-attur rikonvenzjonat, meta l-minuri tista minflok tqatta` l-hin m‘ommha.

11. Illi l-attur rikonvenzjonat jghix mal-genituri tieghu ghalkemm hemm drabi matul il-gimgha fejn hu jorqod f’appartament illi huwa tieghu jew jorqod fir-residenza tal-*partner* tieghu. Illi meta huwa jorqod fir-residenza tal-*partner*, il-minuri S jkollha torqod fl-istess sodda mat-tifel tal-istess *partner*, illi ghandu seba’ (7) snin. In oltre, meta l-attur rikonvenzjonat jorqod fid-dar tal-genituri tieghu, fejn huwa jqatta` l-maggor parti tal-hin liberu tieghu, l-minuri jkollha torqod fl-istess sodda mieghu ghax m’hemmx spazzju u sodda ghaliha, liema arrangement zgur mhux forsi m’huwiex fl-ahjar interessi tal-minuri;

12. Illi l-esponenti taf b’dawn il-fatti personalment.

Talbet li l-attur rikonvenzjonat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri S B D f'idejn ommha, l-esponenti;

2. Tordna illi l-minuri S B D tirrisjedi primarjament ma' ommha, l-esponenti, bi dritt ta' access favur il-missier, l-attur rikonvenzjonat;

3. Tiffissa hinijiet ta' access favur l-attur rikonvenzjonat;

4. Tordna illi l-attur rikonvenzjonat jigbor lill-minuri mir-residenza tal-omm jew post iehor indikat minnha u jirritorna l-istess waqt il-hinijiet ta' access;

5. Tordna illi l-minuri S tibda tattendi l-iskola primarja ta' San Pawl il-Bahar;

6. Tahtar avukat tat-tfal u *social worker* sabiex jinstema dak li ghandha x'tghid il-minuri u tirrelata fuq l-istess;

7. Tordna lill-attur rikonvenzjonat ihallas manteniment lill-esponenti ghall-minuri S skont kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti sakemm il-minuri taghlaq tmintax-il sena (18) jew sa tlieta u ghoxrin sena (23) jekk il-minuri tkompli bl-istudji taghha, liema manteniment ghandu jizdied skont l-indici tal-gholi tal-hajja;

8. Tordna illi l-attur rikonvenzjonat ihallas nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni straordinarji tal-minuri;

9. Tordna illi l-minuri ma ghandiex titlaq mill-Gzejjer Maltin ghajr milli bil-kunsens taz-zewg partijiet, u f'nuqqas ta' qbil bejn l-istess, bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti;

10. Tiehu dawk il-provvediment kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonata;

Rat ir-risposta guramentata tal-attur rikonvenzjonat, li permezz taghha eccepixxa :

Illi preliminarjament huwa qed jaghti ruhhu notifikat bil-kontro-talba tal-intimata b'effett mil-lum 17 ta' Frar 2014.

1. Illi huwa jopponi ghat-talbiet numru 1, 2, 3, 4, 5, 7 u 8 tal-intimata rikonvenzjonanti u dana stante li l-intimata mhix persuna affidabbli u kif ukoll stante li mhux fl-ahjar interess tal-minuri li tbiddel l-ambjent u l-iskola fejn ilha tghix fih ghal diversi snin.

2. Illi dwar it-tmien u d-disgha talba huwa ma ghandux oggezzjoni.

3. Illi dwar is-sitt talba, jigi rilevat li dan l-ezercizzju diga sar diversi drabi u l-Qorti rriteniet li l-minuri ghandha tibqa tghix mal-missier u jirrimettu ruhu ghall-istess.

4. Illi dwar il-fatti kif esposti mill-intimata rikonvenjonanti l-esponenti jghid dan li gej:

(i)L-intimatata kienet qaltlu li hija tqila izda li t-tarbija mhux tieghu u kienet irregistrat lil boyfriend li kellha dak iz-zmien, certu Thibaut T, bhala missier it-tarbija.

(ii)Kien meta ggieldet minn mal-boyfriend taghha u giet lura Malta minn South Africa li saqsietu jekk iridx li huwa jkun missier it-tarbija qaltlu wkoll li giet lura Malta ghax South Africa mhux post safe u li hija mhix kapaci trabbi t-tifla wahedha.

(iii)Kellu jaghmel kawza biex jigi rikonoxxut li hu missier it-tarbija u dan jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tat-tarbija.

(iv) L-intimata halliet li l-minuri titrabba minn missierha minhabba l-kondizzjoni bipolar li tbaghti minnha li hija kondizzjoni li thallik indifferenti ghal kollox inkluz ghal uliedek u kienet ghamlet zmien ukoll l-isptar Monte Carmeli stante li kienet qed taghmel uzu sostanzjali ta' kokaina u kienet meqjusa bhala 'suicidal'.

(v) Li qatt ma kien hemm ftehim li f'Dicembru 2012 l-minuri tmur lura maghha tenut kont li hija kienet tghix mal-boyfriend li minnu qed tistenna tarbija u kif ukoll stante li t-tifla kienet dahlet f'certu rutina ta' skola, muzew, zfin, ghawm u football u ma kienx fl-ahjar interess tat-tifla tenut kont ukoll li l-intimata qatt u qatt ma tghin it-tifla fil-homework taghha jew tiehu interess fl-iskola u fl-attivitajiet extra-kurrikulari taghha li kollha jsiru bl-ispejjez a karigu tal-attur rikonvenjonat.

(vi) L-intimata qatt ma harget centezmu ghall-iskola, sahha jew spejjez extra-kurrikulari tal-minuri u kull meta jitlobha hija tinjorah.

(vii) Li kieku ma jahdimx it-tifla ma jkunx jista jmantniha tenut kont li l-intimata ghandha hafna dejn mal-bank, kuntenta ma thallasx il-house loan u tghix post iehor.

(viii) Illi mhux minnu li huwa qatt raqqad lil minuri fir-residenza tal-partner tieghu; huwa jorqod mal-partner tieghu biss meta t-tifla tkun ma' ommha fil-weekend. Jekk nigu f'dan hija l-intimata li traqqad lit-tifla mal-partner taghha u li minnu qed tistenna tarbija.

(ix) Illi l-esponenti jehu hsieb li jwassal it-tifla l-iskola kuljum, ommu tigborha fis-2.30pm u fil-5pm meta jasal id-dar mix-xoghol jghin it-tifla fil-homework, jistudjaw u jaqraw kuljum u jiehu t-tifla ghall-attivitajiet kollha li jkollha. L-intimata qatt ma tiehu interess xejn fit-tifla u anke waqt l-access jekk l-esponenti jghidilha biex taqra ftit lit-tifla l-intimata tirrifjuta li taghmel dan.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

6. Illi huwa ma ghandux ibaghti spejjez.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur rikonvenzjonat;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha inkluż dawk ix-xhieda mressqa matul is-smigħ tal-Mandat t'Inibizzjoni fl-ismijiet premessi, innumerat 261/12/1AL liema xhieda permezz ta' digriet ta' din il-Qorti ddatat id-29 ta' Settembru 2014[1] saru parti integrali minn din il-kawża u jitqiesu daqslikieku ġew prodotti f'din il-kawża.

Rat l-affidavits kollha esebiti;

Rat illi *pendente lite* il-kwistjoni tal-kura, l-kustodja u l-aċċess hija regolata permezz tad-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta iddatat l-20 ta' Mejju 2013[2] fejn il-kura u l-kustodja tal-minuri hija waħda konġunta, il-minuri tgħix primarjament mal-attur u l-konvenuta għandha aċċess kull nhar ta' Ġimgħa mis-6.00pm sal-Hadd fl-4.00pm u ġurnata oħra f'nofs il-ġimgħa bejn l-4.30pm sas-7.00pm; il-kwistjoni tal-manteniment m'hijiex regolata pendente lite;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża fejn ir-rikorrenti qiegħed jitlob li jiġi fdat esklussivament bil-kura u l-kustodja ta' bint il-partijiet, ossia il-minuri S B D, imwielda fis-6 ta' Lulju 2008[3],

---

[1] Fol. 68

[2] Kopja Legali tiegħu tinsab esebita fol. 367 tal-proċess.

[3] Iċ-ċertifikat tat-twelid relattiv huwa esebit fol. 6 tal-proċess

b'aċċess adegwat versu l-omm. Inoltre, huwa jitlob manteniment adegwat għall-minuri, kif ukoll illi l-konvenuta tħallas ukoll nofs l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni. Il-konvenuta tressaq ukoll il-kontro-talba opportuna fejn hija wkoll titlob li tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri S B D, b'aċċess versu l-attur. Hija titlob ukoll li l-attur jiġi ordnat iħallas manteniment għall-minuri u wkoll nofs l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni.

Il-Qorti tirrileva illi, għall-faċilita` tal-espressjoni u l-kjarezza, ser tirreferi invarjabbilment għal A B bħala r-"rikorrent" u/jew l-"attur" u għal C D bħala l-"intimata" u/jew il-"konvenuta" – u dan minkejja l-eżistenza tal-kontro-talba relattiva.

## FATTI

Jirriżulta li l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieldet il-minuri S. Il-konvenuta hija ta' nazzjonalita Sud Afrikana, filwaqt illi l-attur huwa Malti. Oriġinarjament, il-minuri kienet ġiet irreġistrata bħala bint is-sieħeb regolari tal-konvenuta, raġel ta' nazzjonalita Belġjana jismu Thibaut T. B'effett ta' sentenza ta' din il-Qorti ddatata is-27 ta' Ġunju 2012, il-Qorti ddikjarat illi l-minuri hija l-wild naturali tal-attur A B u għaldaqstant ordnat illi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri jiġi mibdul sabiex jiġu kkanċellati l-konnotati tal-imsemmi Thibaut T u minflok jiġu inseriti l-konnotati tal-attur. Il-minuri issa hija magħrufa bil-kunjom B D[4].

## IL-VERŻJONI TAL-ATTUR[5]

Il-partijiet kienu t-tnejn jaħdmu mal-EF Language School. Darba minnhom wara *boat party*, huma kellhom relazzjonijiet

---

[4] Kopja legali tas-sentenza fl-ismijiet Charlene Banks pro et noe vs. Marlon Grech et (Rikors Ġuramentat 43/11AL) tinsab esebita fol. 316

[5] L-affidavit tal-attur jinsab esebit fol. 17 et seq.

intimi flimkien. Fl-istess żmien, il-konvenuta kienet regolarment f'relazzjoni ma' Thibaut T. Meta skopriet li kienet tqila, il-konvenuta nformat lill-attur li kien ixxukkjat, iżda ma ħasibx li t-tarbija setgħet kienet tiegħu ladarba l-konvenuta kienet f'relazzjoni regolari mal-Belġjan, u li hu kellu relazzjoni magħha darba biss. Għalhekk il-partijiet qatgħu il-kuntatt, u l-konvenuta baqgħet fir-relazzjoni ma' T li meta twieldet it-tarbija rrikonoxxiha u rreġistraha bħala bintu. Il-konvenuta lanqas baqgħet tgħix hawn Malta.

Meta t-tarbija kellha tmintax-il xahar, il-konvenuta għamlet kuntatt bil-facebook mal-attur, fejn infurmatu li T kien skopra li t-tarbija ma kinitx tiegħu u għalhekk kien spiċċa r-relazzjoni magħha. Hija kienet qed trabbi lit-tifla weħidha. Urietu x-xewqa li ġġib il-minuri hawn Malta sabiex tlaqqagħha miegħu.

Malli l-minuri waslet hawn Malta, l-attur beda jmur jaraha darba jew darbtejn fil-ġimgħa u ma kienx kuntent bl-appartament fejn kienet tgħix għaliex kien maħmuġ ferm u kien hemm diversi fliexken tal-alkoħol u nies ipejpu fil-preżenza tal-minuri. Il-konvenuta aċċettat li jsiru t-testijiet tad-DNA li minnhom ġie kkonfermat illi l-attur huwa l-missier naturali u bijoloġiku ta' S. Għalhekk huma pproċedew bl-azzjoni appożita sabiex il-minuri tkun legalment rikonoxxuta bħala bintu. Sakemm tlestew il-proċeduri legali, l-attur kien qed jinnota li l-konvenuta kienet qed iżżid fix-xorb tal-alkoħol u tagħmel użu minn sustanzi lleċiti[6]. Hija kienet ukoll mentalment instabbli u kien qed ikollha diversi argumenti ma' ommha. Peress li l-minuri kienet għadha m'hijiex f'ismu ma seta jagħmel xejn. Għalkemm il-konvenuta, minn jeddha, bdiet tafda lill-minuri iktar mal-attur sabiex hija setgħet taħdem jew tiddeverti.

Jum fost l-oħrajn, meta kienu għadhom għaddejjin il-proċeduri tal-paternita, l-attur irċieva telefonata mill-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei sabiex imur jieħu ħsieb lil S peress li ommha

---

[6] Mid-dokument esebit fol. 422, il-konvenuta rriżultat pożittiva għall-kokajina, kannabis u antifetamini. Dana jfisser illi l-allegazzjonijiet tal-attur huma veritieri u m'humiex sempliċiment tenattivi sabiex joskuraw il-karattru tagħha.

ddaħħlet l-isptar fuq tentattiv ta' suwiċidju, panic attacks u doża qawwija ta' kokaina. Minn dakinhar, l-attur beda jieħu ħsieb tal-minuri b'mod regolari fid-dar tal-ġenituri tiegħu. Malli tlestew il-proċeduri legali tal-filjazzjoni, irreġistraha fl-iskola Primarja tas-Siggiewi, bdiet tattendi l-mużew is-Siġġiewi u l-lezzjonijiet tal-għawm fl-istess skola. L-attur u l-minuri bdew iżuru lill-konvenuta regolarment ġewwa l-Isptar Monte Carmeli fejn kienet ġiet mibgħuta wara l-Isptar Mater Dei. Meta ħarġet mill-Isptar wara xi xahar, il-minuri baqgħet tirrisjedi mal-missier u tmur għand ommha fi tmiem il-ġimgħa. Dan il-ftehim eventwalment ġie nkorporat f'digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' Mejju 2013[7];

L-attur jallega li l-minuri kienet qed tiġi mill-aċċess ma' ommha maħmuġa, b'saqajha suwed, ħwejjeġ maħmuġin u bil-ħakk fil-parti intima tagħha – lkoll riżultat tal-ambjent li kienet qed tgħix fih il-konvenuta ġewwa boathouse mingħajr wisq faċilitajiet sanitarji. Jinsisti li l-konvenuta hija instabbli għaliex m'hijiex kapaċi żżomm xogħol fiss u lanqas residenza fissa – xi drabi tgħix għand ommha, drabi oħra mas-sieħeb tagħha. Jgħid li ma ħallsitx is-self li għandha mal-Bank għal iżjed minn sena[8], li ARMS Limited qatgħulha l-provvista tad-dawl[9] u fuq kollox li tbati minn BiPolar Disorder[10].

Xehdet[11] ukoll omm l-attur, **Nikolina B**, fejn dina spjegat illi meta l-minuri bdiet tgħix magħhom, huma ħadu ħsieb jagħtuha t-tilqim li ma ngħatatx meta kienet tgħix ma' ommha. Ħaduha

---

[7] Kopja Legali tiegħu tinsab esebita fol. 367 tal-proċess.

[8] Dan huwa kkonfermat mix-xiehda ta' Lorenzo Gonzi, rappreżentant tal-Bank of Valletta p.l.c. fix-xiehda mogħtija fit-3 ta' Settembru 2013 u wkoll mill-istatement esebit fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2015 fol. 393 et seq.

[9] Dan huwa kkonfermat mix-xiehda ta' Reuben Bonnici, rappreżentant ta' ARMS Limited. fix-xiehda mogħtija fl-24 ta' Settembru 2013 u fis-17 ta' Marzu 2016, fol. 359

[10] Il-konvenuta ma tikkontestax il-fatt li hija tbati minn din il-kondizzjoni mentali, li tirriżulta wkoll mill-fajl mediku tagħha tal-Isptar Monte Carmeli fol. 411

[11] Permezz tal-affidavit li jinsab esebit fol. 23 tal-proċess

wkoll għand dentist minħabba l-istat ħażin ta' snienha għaliex kienet tingħata ħafna *ice tea*. Issemmi okkażjoni fejn il-konvenuta marret Londra u lanqas ċemplitilha darba lill-minuri. L-istess għamlet meta marret tliet ġimgħat il-Brażil. Hija tikkorrabora x-xiehda ta' binha li l-minuri tiġi lura mill-aċċess ma' ommha, maħmuġa, mingħajr qalziet ta' taħt u "starving".[12] Tgħid li omm il-konvenuta, Cherrie, infurmathom li t-tifla kienet ser taqa' mit-tieqa fid-dar tagħha u li salvawha bl-eżatt. Qaltilhom ukoll illi C kienet ippruvat tgħerreq lit-tifla, meta kienet għadha tarbija, waqt li kienet qed tagħtiha banju. Iżżid li t-tifla sejra tajjeb fl-iskola[13] u li integrat sewwa fil-klassi u malajr qed titgħallem il-Malti.

**Chantal Bugeja**,[14] is-sieħba tal-attur, tiddeskrivi l-involviment ta' A fl-edukazzjoni ta' bintu u fl-attivatijet extra-kurrikulari bħalma huwa l-ballet, iż-żfin u l-għawm[15]. Tixhed li huwa jsib il-ħin kuljum biex jassistiha fix-xogħol tal-iskola[16] u jieħu gost jinvolviha f'attivitajiet ma' tfal oħra bħal skolasajf. Jiddispjaċiha li lil S jiġbruha mill-aċċess u joħduha lura f'ħafna postijiet differenti ġieli għand ommha, ġieli l-boathouse il-Mellieħa u ġieli għand in-Nanna. Tinsisti li minkejja l-battalja legali bejn il-partijiet, l-attur ma jpoġġix lill-konvenuta f'dell ikrah ma' bintu.

Permezz tal-affidavit ulterjuri tiegħu[17], l-attur xehed dwar l-okkażjoni meta l-minuri rċeviet l-Ewwel Tqarbina. Il-partijiet kienu ftehmu, saħansitra vverbalizzaw fl-atti tal-kawża x'kellu

---

[12] Iz-zija Doris Cilia, fl-affidavit tagħha fol. 26 tiddeskriviha *"maħmuġa qisha tifla tal-missjoni, ħafna drabi anke ħafja, mingħajr ħwejjeġ ta' taħt. Fix-xitwa kienet tibgħatha b'libsa fuq xejn."*

[13] Ara r-Rapport Annwali tal-iskola għall-Ewwel Sena, fol. 75 u d-dokument maħruġ mis-Surmast tal-Iskola Patrck Decelis fol. 355

[14] Affidavit fol. 29

[15] Ara d-dokumenti fol. 77 et seq. u fol. 353 u 354

[16] L-attur jinsisti li meta jiġi lura mix-xogħol fil-5.00pm huwa jgħin lit-tifla fil-homework, jistudjaw u jaqraw.

[17] Fol. 376

jkun l-arranġament għal din il-ġurnata, iżda minkejja dan, il-konvenuta ma marritx. Il-minuri kienet ferm diżappuntata b'dan. Huwa jżid illi minkejja li lill-konvenuta javżaha kmieni[18] b'okkażjonijiet relatati mal-attivitajiet extra-kurrikulari, hija xorta ma tattendix, per eżempju tilfet darbtejn il-kunċert taż-żfin fi żmien il-Milied u żfin ieħor matul is-sena. Lanqas ma tattendi il-*parents' day* u *sports day*.

## IL-VERŻJONI TAL-KONVENUTA[19]

Min-naħa tagħha, l-konvenuta tispjega li hija weħidha ħadet ħsieb lill-minuri għal sena u sitt xhur fl-Afrika t'Isfel u l-Ingilterra. Imbagħad ġiet hawn Malta sabiex il-minuri ssir taf lil missierha. Kienet hi li inizjat il-proċeduri sabiex l-attur jiġi dikjarat il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri.

Il-konvenuta ssostni illi l-kundizzjoni mentali tagħha tinsab taħt kontroll għaliex hija dejjem fittxet l-għajnuna professjonali għaliha u ma titraskurax saħħitha. Hija qiegħda tgħix ħajja serana u normali u tieħu ħsieb is-saħħa mentali tagħha b'appuntamenti regolari mal-psikjatri tagħha. Tinsisti li hija omm bil-għaqal u tieħu ħsieb tal-ħtiġijiet tal-minuri meta din tkun fil-kura tagħha u ma tħalli lill-minuri nieqsa minn xejn.

Tammetti illi fl-2011, ħassitha li ma kinitx f'qagħda tajba biex tieħu ħsieb lit-tifla u kien għalhekk li f'Diċembru 2011 fdat lit-tifla fil-kura tal-attur. F'dan iż-żmien għaddiet minn problemi ta' saħħa u fi Frar 2011 tilfet lil ħuha tewmi b'mod traġiku. Fl-istess perjodu, ommha wkoll mardet b'kanċer tas-sider. Tgħid li wara sena, hija ħassitha ferm aħjar u talbet lill-attur li terġa tieħu l-kura tat-tifla, imma bi qbil mal-attur iddeċidew li jħallu s-sena skolastika tgħaddi qabel ma jerġgħu jibdlu l-ambjent tat-tifla. Tinsisti li lejn l-aħħar tas-sena skolastika l-attur mar lura minn kelmtu billi minflok ma għaddielha l-kura tat-tifla, huwa ressaq

---

[18] Ara l-Imejl esebita fol. 379

[19] Il-verżjoni tal-konvenuta tirriżulta mir-risposta ġuramentata tagħha u wkoll mill-kontro-talba; fol. 33 et seq

rikors sabiex il-kura u l-kustodja ta' S tiġi fdata f'idejh, bl-intendiment li l-minuri tibqa' tirrisjedi miegħu.[20]

Hija tilmenta li filwaqt illi l-minuri suppost qiegħda tgħix mal-missier, in effetti hija tqatta' l-ħin ma' ommu għaliex l-attur ikun xogħol ta' kuljum bejn it-8.00am u s-6.00pm. Min-naħa tagħha, hija qed taħdem mid-dar tagħha stess u m'hemmx il-ħtieġa li tħalli lill-minuri ma' terzi biex hija tmur għax-xogħol.

Tgħid li meta l-attur jorqod id-dar tal-ġenituri tiegħu, il-minuri hija kostretta torqod fl-istess sodda miegħu, mentri meta l-attur jorqod fl-appartament tiegħu jew tas-sieħba tiegħu, il-minuri S, jkollha torqod m'iben is-sieħba tiegħu. L-attur jinnega li huwa qatt raqqad lill-minuri fir-residenza tas-sieħba tiegħu għaliex huwa jorqod hemmhekk biss meta l-minuri tkun ser torqod għand ommha.[21]

DWAR L-INTROJTU TAL-PARTIJIET

Rigward l-impjieg tal-attur, jirriżulta illi dana jaħdem fir-Residenza tal-Universita ġewwa Ħal-Lija[22]. Minn dan l-impjieg, fl-2013 huwa qala' s-somma netta ta' €17,846[23] jew qrib €1500 fix-xahar[24]. Huwa jirċievi wkoll Children's Allowance ta' €450 fis-sena[25]. Huwa jistima li jonfoq is-somma ta' €4325 fis-sena fi spejjeż għall-minuri[26].

---

[20] Min-naħa tiegħu l-attur jinnega li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet f'dan is-sens. Risposta ġuramentata tiegħu fol. 57

[21] Risposta Ġuramentata tal-attur għall-kontro-talba fol. 58

[22] Employment history tiegħu tinsab esbita fol. 310

[23] Minn €22,629 gross naqqas €2,782 taxxa u €2000.76 kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Soċjali = €17,846 netti fis-sena

[24] FS3 esebita fol. 73

[25] Ara d-dokument esebit fol. 71 u fol. 305

[26] Fol. 74

Il-Qorti ġiet a konjizzjoni tal-*employment history* tal-konvenuta[27] minn fejn jirriżulta illi bejn Ġunju 2010 u Awwissu 2012, hija kellha erba' xogħolijiet differenti li damu mhux iktar minn erba' xhur kull darba u li kellha wkoll diversi perjodi fejn hija kienet mingħajr impjieg. Mir-records tal-istess Korporazzjoni jirriżulta li hija ma kinitx qed taħdem, iżda l-attur ippreżenta dokumenti stampati mill-Internet[28] li jindikaw illi min-naħa tagħha l-konvenuta taħdem mid-dar billi tipprovdi servizz ta' administrative support, online business management u graphic design.

Mistoqsija in subizzjoni[29] dwar l-impjieg tagħha, l-konvenuta xehdet illi hija ma kinitx qiegħda taħdem peress li kienet qiegħda trabbi weħidha lil binha ta' ħdax-il xahar. Żiedet illi hija kellha tibda taħdem is-Salina Wharf Hotel fuq bażi part-time bir-rata ta' €4.50 fis-siegħa. Xehdet illi hija ma tirċeviex assistenza soċjali iżda biss *children's allowance.* Hija tirċievi €200 mingħand missierha kull xahar. Dwar ix-xogħol mid-dar, hija żiedet li dan għamlitu biss għal madwar xahar għaliex ix-xogħol ma qabadx u għamlet biss xi 2/3 websites. Żiedet ukoll li hija għalqet dan in-negozju meta l-attur saq biha fuq il-bonnett tal-karozza tiegħu[30] meta kienet tqila u għalhekk żviluppawlha komplikazzjonijiet. Għalkemm il-Qorti tiddeplora l-aġir tal-partijiet f'dan l-inċident, li dwaru saru proċeduri separati, ma tarax in-ness bejn l-inċident u l-falliment tan-negozju tal-konvenuta. Dana għaliex f'Novembru 2013, fir-risposta ġuramentata tagħha u fil-kontro-talba, hija kienet stqarret li qed tagħmel dan ix-xogħol mid-dar, u l-inċident seħħ f'Marzu 2014. Jekk ix-xogħol għamlitu biss għall-xahar, sa Diċembru 2013, kienet diġa waqqfet minnu.

---

[27] Ippreżentata minn Joseph Saliba, rappreżentant tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2013 u fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2015 fol. 390

[28] Fol. 381 et seq.

[29] Fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2015

[30] Rapport tal-Pulizija dwar dan l-inċident li seħħ fis-16 ta' Marzu 2014 jinsab esebit fol. 330

Jirriżulta wkoll mir-riċerki esebiti, illi ż-żewġ partijiet għandhom il-propjeta` rispettiva tagħhom illi huma akkwistaw bl-għajnuna ta' self mal-Bank. Il-konvenuta xehdet illi hija kellha konvenju għall-bejgħ tal-propjeta` tagħha sabiex tkun tista' tagħlaq is-self mal-Bank (li ma kienx qiegħed jitħallas).

## PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[31] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[32], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

[31] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP

[32] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [33] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[34] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[35]. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. *"Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata."*[36]

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

---

[33] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[34] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

[35] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[36] Frances Farrugia vs. Duncan Caruana, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL)

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.***

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Illi l-Qorti, qabel ma ċċaħħad lil xi ġenitur mill-kura u kustodja ta' binha jew ibnu, tagħmel dejjem deliberazzjoni profonda dwar iċ-ċirkostanzi u tqis diversi drabi qabel ma taqtagħha.

Fil-każ odjern, il-Qorti tħossha ferm inkwetata bis-sitwazzjoni tal-konvenuta, mhux għax tbati bil-kondizzjoni mentali tal-Bipolar Disorder, għaliex din jekk tagħraf tikkuraha, tista' tgħix ħajja pjuttost normali. L-iktar li jinkwieta lill-Qorti huwa ċertu aġir immatur tal-konvenuta, bħal li gidbet lill-Bank meta nfurmatu li missierha kien miet[37], meta missierha mhux talli għadu ħaj, talli jibagħtilha assistenza finanzjarja kull xahar. Aġir immatur ieħor huwa l-fatt li tieħu lil bintha fil-bars waqt l-aċċess: *"For the past couple of weeks, S has informed me that she spends time with her mum in pubs, waiting for her while she is busy with other friends drinking."*[38]

Inoltre, jirriżulta li hija għandha instabbilita` fir-relazzjonijiet tagħha, fejn m'għadhiex fir-relazzjoni mas-sieħeb tagħha, missier it-tifel tagħha. Anke fil-konċepiment tal-minuri mertu ta' din il-kawża, hija kienet qed tkun sleali lejn is-sieħeb regolari tagħha billi marret fuq *one night stand*. Għandha instabbilita` fix-xogħol: tbiddel ix-xogħol sikwit u mhix qed jirnexxielha tiġġenera introjtu sikur biex tgħajjex lilha nnifisha u lil uliedha. Dan qed iwassal biex ikollha sitwazzjoni prekarja fil-flus, b'diversi kredituri jiġru warajha, bil-konsegwenza li ser tneħħi l-unika asset tagħha - l-appartament. Anke l-fatt li hija kienet tippreferi tikri appartament ieħor u l-appartament tagħha tħallih vojt juri ċerta immaturita`, kapriċċjożita` u nuqqas ta' għaqal min-naħa tagħha.

Bla dubju pero`, l-ikbar inkwiet tal-Qorti huwa n-nuqqas ta' ħsieb ta' bintha, mhux biss in-nuqqas ta' ħsieb materjali, li ma

---

[37] Xiehda ta' Graziella Perrone, impjegata tal-Bank of Valletta p.l.c. mogħtija nhar l-20 ta' Jannar 2015, fol. 349

[38] Affidavit ulterjuri tal-attur iddatat 18 ta' Ġunju 2015, fol. 376

titmagħmiex sew u ma żżommhiex nadifa, imma agħar minn hekk in-nuqqas ta' ħsieb emottiv tagħha li tonqos milli tattendi l-attivitajiet importanti għaliha bħall-*parents day*, il-kunċerti taż-żfin u saħansitra l-Ewwel Tqarbina tal-minuri, okkażjoni ta' darba li qatt ma terġa' tirrepeti ruħha!! Dan għall-Qorti jfisser li l-konvenuta m'hijiex kapaċi tegħleb il-problemi u l-isfidi personali tagħha u tpoġġi lil bintha bħala prijorita`.

Illi għal dawn ir-raġunijiet suesposti, l-Qorti ser tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri S B D unikament u esklussivament f'idejn l-attur A B. Dana, minkejja li l-minuri sar jaf biha biss tmintax-il xahar wara t-twelid tagħha, ma ħarabx mir-responsabilita` tagħha u aġixxa ta' missier tajjeb. L-attur għandu jinforma lill-konvenuta bi kwalsiasi deċiżjoni straordinarja ta' saħħa u edukazzjoni li jkun jeħtieġ jieħu. Il-minuri għandha tirrisjedi regolarment mal-missier u tibqa' tirrisjedi hawn Malta u tibqa' domiċiljata Malta sakemm tilħaq l-eta` ta' tmintax-il sena. L-attur waħdu u mingħajr ebda awtorizzazzjoni ulterjuri tal-Qorti u mingħajr il-kunsens tal-konvenuta jista' japplika, jottjeni l-ħruġ u jġedded il-passaport għall-minuri.

Il-konvenuta jkollha aċċess għall-minuri kull nhar ta' Sibt mit-3.00pm sad-9.00pm, liema aċċess kull ġimgħatejn jittawwal sal-għada l-Ħadd fl-4.00pm. Il-konvenuta hija pprojbita li tieħu lill-minuri f'postijiet tax-xorb u li tesponieha għal ambjenti, inkluż ir-residenza tagħha, fejn isir użu eċċessiv tal-alkoħol jew jintużaw sustanzi lleċiti.

Dwar il-manteniment, jirriżulta illi l-konvenuta qatt ma vversat manteniment għall-minuri li ilha tgħix b'mod regolari mal-attur minn Diċembru 2012. Lanqas qatt ma kkontribwixxiet għall-ispejjeż edukattivi u mediċi tagħha. Illi l-attur ressaq it-talba tiegħu għall-manteniment tal-minuri f'Ottubru 2013.

Tenut kont illi l-minuri kellha *pendente lite* tirrisjedi għand ommha jumejn fil-ġimgħa[39] skond id-digriet viġenti dwar l-aċċess, il-Qorti qiegħda tistabilixxi manteniment pagabbli mill-

---

[39] Kif kien effettivament qed jiġri għal diversi xhur

konvenuta lill-attur għall-minuri għall-perjodu minn Ottubru 2013 sal-preżenti, bir-rata ta' €120 kull erba' ġimgħat inkluż l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tat-tifla, u cioe s-somma komplessiva ta' ħamest'elef, tmien mija u tmenin Ewro (€5880).

Mill-preżenti, tenut kont li ser jitnaqqas l-aċċess tal-konvenuta, jiżdiedu l-ispejjeż tal-minuri, iżda tenut kont ukoll li hija kapaċi tiġġenera inqas introjtu mill-attur, ir-rata <u>mensili</u> ta' manteniment qed tiġi stabbilita fis-somma ta' mija u sebgħin Ewro (€170) li tinkludi l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tal-minuri. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi l-konvenuta. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax-(18)-il sena jew tibda taħdem fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ illi bint il-partijiet tibqa' tistudja, fuq bażi *full-time*, wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifla tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attur

## <u>DEĊIDE</u>

Għalhekk, għar-raġunijiet kollha suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mit-talbiet u l-kontro-talbiet kif ġej:

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri S B D unikament u esklussivament f'idejn l-attur A B li waħdu jista' jieħu d-deċiżjonijiet ordinarji u wkoll straordinarji rigwardanti l-minuri b'dan illi huwa għandu jinforma lill-konvenuta bi kwalsiasi deċiżjoni straordinarja ta' saħħa u edukazzjoni li jkun jeħtieġ jieħu.

2. Il-minuri għandha tirrisjedi regolarment mal-missier u tibqa' tirrisjedi hawn Malta u tibqa' domiċiljata Malta sakemm tilħaq l-eta` ta' tmintax-il sena.

3. L-attur waħdu u mingħajr ebda awtorizzazzjoni ulterjuri tal-Qorti u mingħajr il-kunsens tal-konvenuta jista' japplika, jottjeni l-ħruġ u jġedded il-passaport għall-minuri.

4. Il-konvenuta jkollha aċċess għall-minuri kull nhar ta' Sibt mit-3.00pm sad-9.00pm, liema aċċess kull ġimgħatejn jittawwal sal-għada l-Ħadd fl-4.00pm. Il-konvenuta hija pprojbita li tieħu lill-minuri f'postijiet tax-xorb u li tesponieha għal ambjenti, inkluż ir-residenza tagħha, fejn isir użu eċċessiv tal-alkoħol jew jintużaw sustanzi lleċiti. Il-konvenuta tieħu lill-minuri għall-aċċess mir-residenza tal-attur, li jieħu jsib jiġborha lura mir-residenza tal-konvenuta fit-tmiem tal-aċċess.

5. Tordna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma komplessiva ta' ħamest'elef, tmien mija u tmenin Ewro (€5880), rappreżentanti manteniment għall-minuri għall-perjodu minn Ottubru 2013 sal-preżenti, inkluż l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tat-tifla, bl-imgħax legali dekorribbli mill-preżenti sad-data tal-pagament effettiv.

6. Tordna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' mija u sebgħin Ewro (€170) fix-xahar, rappreżentanti manteniment għall-minuri, liema somma tinkludi l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tal-minuri. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi l-konvenuta. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax-(18)-il sena jew tibda taħdem fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita`

tavvera ruħha l-ewwel. F'każ illi bint il-partijiet tibqa' tistudja, fuq bażi *full-time*, wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifla tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attur.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Dep. Reg.